



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Marzu 2016
(OR. en)

6925/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0067 (NLE)

WTO 58

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim fil-forma tad-Dikjarazzjoni dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITA)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta'

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,
ta' ftehim fil-forma tad-Dikjarazzjoni
dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni
(ITA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-punt (v) tal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) Id-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-
Informazzjoni, ġeneralment magħrufa bħala l-Ftehim dwar it-Teknoloġija tal-
Informazzjoni ("ITA" - Information Technology Agreement), ġiet adottata f'Singapore fit-
13 ta' Diċembru tal-1996. Il-paragrafu 3 tal-Anness għall-ITA jistipula li l-parteċi-
panti għandhom jiltaqgħu perjodikament taħt l-awspiċji tal-Kunsill tal-Kummerċ tal-Oġġetti tal-
Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) biex jirrieżaminaw il-kopertura tal-prodotti
bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim b'kunsens, dwar jekk huwiex opportun li jiġu mmodifikati l-
Hemżiet għal dak l-Anness sabiex jiġu inkorporati prodotti addizzjonali fid-dawl tal-
iżviluppi teknoloġiċi, l-esperjenza fl-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tariffarji jew bidliet
fin-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.
- (2) Fit-8 ta' Lulju 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja rieżami tal-ITA bil-
għan li tiġi estiża l-kopertura tal-prodott tagħha biex tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi u l-
konverġenza.
- (3) In-negozjati dwar l-espansjoni tal-ITA tmexxew mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-
kumitat speċjali stabbilit skont l-Artikolu 207(3) tat-Trattat.
- (4) Fit-28 ta' Lulju 2015, il-parteċi-
panti fin-negozjati haġġu Dikjarazzjoni dwar l-Espansjoni
tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ("id-Dikjarazzjoni dwar l-
espansjoni tal-ITA"), li tirreġistra r-risultati tan-negozjati.

- (5) Matul l-10 Konferenza Ministerjali tad-WTO li saret f'Nairobi mill-15 u sat-18 ta' Diċembru 2015, il-parteciċipanti fin-negozjati ħarġu d-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni tas-16 ta' Diċembru 2015 (WT/MIN 15/25) ("id-Dikjarazzjoni Ministerjali") li tapprova u tiftaħ għall-aċċettazzjoni d-Dikjarazzjoni dwar l-espansjoni tal-ITA, skont il-paragrafu 9 tagħha. Id-Dikjarazzjoni Ministerjali tirreġistra wkoll il-qbil tal-parteciċipanti fin-negozjati mal-iskedi abbozzati ppreżentati minn kull wieħed minnhom skont il-paragrafu 5 tad-Dikjarazzjoni dwar l-espansjoni tal-ITA, li huma inklużi fid-dokument tad-WTO G/MA/W/117.
- (6) Il-ftehim fil-forma tad-Dikjarazzjoni dwar l-espansjoni tal-ITA għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni, flimkien mal-iskeda tal-Unjoni u l-iskedi ppreżentati mill-parteciċipanti l-oħra fin-negozjati, li huma inklużi fid-dokument tad-WTO G/MA/W/117.
- (7) F'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar l-espansjoni tal-ITA, l-Unjoni għandha tippreżenta lid-WTO l-modifiki meħtieġa għall-iskeda tagħha annessa għall-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 ("GATT 1994"), kif stipulat fl-iskeda tal-Unjoni CLXXIII (G/MA/TAR/RS/357/corr.1),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Dikjarazzjoni dwar l-espansjoni tal-ITA u l-iskedi preżentati skont il-paragrafu 5 tagħha huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tad-Dikjarazzjoni dwar l-espansjoni tal-ITA, u l-Hemżiet magħha huma mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni qiegħda b'dan tiġi awtorizzata tippreżenta lill-Organizzazzjoni għall-Kummerċ Dinji l-modifiki meħtieġa fl-Iskeda tal-Unjoni annessa mal-GATT 1994 kif stipulat fl-iskeda tal-Unjoni CLXXIII (G/MA/TAR/RS/357/corr.1).

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, l-istrument ta' aċċettazzjoni previst fil-paragrafu 9 tad-Dikjarazzjoni dwar l-espansjoni tal-ITA¹.

¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Dikjarazzjoni ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Id-Dikjarazzjoni dwar l-espansjoni tal-ITA ma għandhiex tiġi interpretata bħala li tagħti xi drittijiet jew timponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati tal-Unjoni jew ta' Stat Membru.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
